



Brussell, 23 ta' Marzu 2017
(OR. en)

7586/17

LIMITE

UD 83
ENFOCUSTOM 84

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14132/4/16 REV 4 UD 225 ENFOCUSTOM 179
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Doganali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-abbozz rivedut tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq, kif approvat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Marzu 2017¹.

¹ F'dan l-istadju, żewġ delegazzjonijiet iżommu riżerva ta' skrutinju.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Doganali

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

WARA LI KKUNSIDRA:

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riforma tal-governanza tal-Unjoni Doganali u d-Dikjarazzjoni ta' Atena dwar ir-Riforma tal-Governanza tal-Unjoni Doganali tal-UE²;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar is-segwitu tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni³ li, b'mod partikolari, jirreferu għar-rwol ċentrali tad-dwana, l-involviment tal-kummerċ, l-iżvilupp u l-finanzjament ta' sistemi tal-IT;
- il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tad-Diretturi Ġenerali tad-Dwana tal-25 ta' Ottubru 2016, fejn id-Diretturi Ġenerali tad-Dwana ikkonkludew li l-kwistjonijiet marbuta mal-finanzjament doganali ta' tagħmir għall-kontroll Doganali fil-fruntieri esterni tal-UE u l-infrastruttura tal-IT għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat⁴;
- ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-Istrateġija għall-Evoluzzjoni tal-Unjoni Doganali⁵;
- il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istat tal-Unjoni Doganali⁶;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali⁷

² ĠU C 171, 6.6.2014, p.1

³ ĠU C 357, 29.9.2016, p. 2

⁴ Dok. 14161/16

⁵ Dok. ST 18932/11

⁶ Dok. ST 5132/13

⁷ Dok. 14894/16

- il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza Tagħha⁸ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha;

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-missjoni li ngħatat lill-Awtoritajiet Doganali, b' mod partikolari l-kontribut tagħhom:
 - biex tiġi żgurata l-integrità tal-katina ta' provvista, inkluż il-ġlieda kontra l-attivitajiet tal-kriminalità organizzata;
 - għall-faċilitazzjoni u l-protezzjoni tal-kummerċ leġittimu;
 - għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri tagħha;
- fl-istedina tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport, mhux aktar tard minn nofs l-2018, dwar l-għoti tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jinxtraw l-għodod xierqa għall-kontrolli tad-dwana fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 3(1) a) TFUE⁹
- li l-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid qabel l-1 ta' Jannar 2018¹⁰;

FILWAQT LI JAGĦRAF:

- il-ħtieġa ta':
 - tagħmir tekniku adegwat għall-kontroll ta' oġġetti li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE;
 - infrastruttura tal-IT mill-aktar moderna tal-Awtoritajiet Doganali;
 - il-provvista ta' sistemi doganali elettroniċi ta' kwalità għolja, li huma għodda essenzjali biex jiġi ffaċilitat u mħaffef il-kummerċ leġittimu u biex jittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea waqt li jsiru l-kontrolli meħtieġa u li jikkontribwixxu għas-sigurtà ta' oġġetti li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE;

⁸ Dok. ST15818/16

⁹ Dok. 16094/13 ADD 1

¹⁰ Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884)

- il-ħtieġa u r-responsabbiltà li tiġi żgurata protezzjoni xierqa tad-Dwana fil-fruntiera esterna tal-UE;
- l-isfidi għad-Dwana fil-qasam tal-iżvilupp tal-IT, is-superviżjoni tal-moviment transkonfinali tal-oġġetti u l-impenn tal-Awtoritajiet Doganali tal-UE sabiex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b' mod effettiv, effiċjenti, konsistenti u koerenti;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI:

- li l-Awtoritajiet Doganali tal-UE u r-rwol tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntiera esterna għaddeu minn għadd ta' bidliet minn mindu ġiet stabbilita l-Unjoni Doganali, billi:
 - ir-responsabbiltajiet tagħhom ġew estiżi lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom, għas-sorveljanza u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ tal-UE u l-interessi ekonomiċi tagħha,
 - li saret il-bidla minn dwana li tuża l-karti għal dik elettronika, u;
 - li daħlu għal għadd dejjem jiżdied ta' responsabbiltajiet fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà;
- li l-bidliet u r-responsabbiltajiet ġodda, li jirriżultaw mil-leġislazzjoni tal-UE, joħlqu sfidi li jeħtieġu tagħmir tekniku adegwat u appoġġ aġġornat tal-IT Doganali;
- il-benefiċċji tal-ġestjoni effettiva tal-fruntieri u l-isfidi li taffaċċja d-Dwana fil-fruntiera esterna;
- li għandha ssir valutazzjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-UE allokatu biex jassistu lill-Istati Membri;

FILWAQT LI JENFASIZZA L-ĦTIEĠA:

- li l-UE u l-Istati Membri tagħha jirreaġixxu għall-globalizzazzjoni tal-kummerċ u l-globalizzazzjoni simultanja tal-kriminalità u jlaħħqu magħhom, kif ukoll ilaħħqu mat-theddiet sussegwenti li jitolbu li jkun hemm tagħmir adattat li jappoġġa l-funzjonament effettiv tal-Unjoni Doganali;
- ta' fondi biex l-Awtoritajiet Doganali ikunu armati bit-tagħmir tekniku meħtieġ għat-twettiq ta' kontrolli tal-oġġetti li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE u t-teknoloġija tal-IT li tissodisfa r-rekwiżiti imposti mil-liġi u li tiżgura s-sigurtà u s-sikurezza, kif ukoll tappoġġa l-faċilitazzjoni [...] tal-kummerċ leġittimu;
- li jintrebħu l-isfidi li jirriżultaw mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u jinkisbu l-benefiċċji relatati;
- li jiġi enfasizzat ir-rwol u l-kontribut tal-Awtoritajiet Doganali bħala awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tittejjeb il-koordinazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet;
- li jiġu mħeġġa l-applikazzjoni konsistenti u koerenti tal-leġislazzjoni Doganali u l-approċċi moderni għall-kontrolli Doganali filwaqt li jkun hemm, fejn adatt, infrastruttura komuni tal-IT Doganali;
- li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkomplu jikkooperaw fl-iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-governanza tagħha u jimplimentaw ir-riżultati futuri, li joħorġu mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'dan ir-rigward¹¹.
- li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u t-tagħmir, u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

¹¹ COM(2016) 813 final

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI biex jaħdmu flimkien sabiex jivvalutaw sa tmiem l-2017:

- il-programmi u l-istrumenti eżistenti ta' finanzjament tal-UE għad-dwana, disponibbli għall-finanzjament ta' tagħmir tekniku għall-kontrolli ta' oġġetti li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE u l-infrastruttura tal-IT Doganali;
- il-modi ta' aċċess għal tali finanzjament u l-isfidi previsti;
- is-sinerġiji potenzjali ma' programmi u strumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE, inkluż il-fondi strutturali u jekk dawn humiex qed jiġu sfruttati kemm jista' jkun;
- il-possibiltajiet biex jitnaqqsu l-ispejjeż, inkluż il-kondiviżjoni tar-riżorsi, l-għarfien u l-aħjar prassi;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex sa tmiem l-2017:

- tiżviluppa strateġija għall-arkitettura, l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-finanzjament tas-sistemi tal-IT Doganali b'kont meħud tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE;
- tqis u tevalwa l-possibbiltà tal-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' tagħmir tekniku minn programmi finanzjarji futuri tal-Kummissjoni;
- tipprovdi gwida għall-aċċess potenzjali għar-riżorsi finanzjarji attwali tal-UE mill-amministrazzjonijiet Doganali kif ukoll l-użu maħsub tagħhom, kif previst mid-Direttorati kompetenti, bħal BAĠIT, AFFARIJET INTERNI, REGIO u TAXUD;
- ittejjeb il-koordinazzjoni, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Doganali u awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi għal skopijiet ta' finanzjament permezz ta' sħubija aħjar fil-livell tal-UE.